Mario Azzopardi jintervista lil Adrian Grima dwar il-ktieb

# ***Sekwenzi ta' Tluq***

Inizjamed, Versatili, 2010

1. Fid-daħla għall-ktieb int tinsisti li d-deċiżjonijiet dwar il-letteratura Maltija qed "jittieħdu minn ftit nies," u la mill-kittieba, la mill-qarrejja u lanqas mill-pubblikaturi. Min huma dawn "il-ftit nies" eżattament?




Primarjament l-awtoritajiet politiċi, edukattivi, ekkleżjastiċi, u ġudizzjarji, imma anki n-nies li jmexxu l-libreriji pubbliċi, u l-ħwienet u d-distributuri tal-kotba. Hemm ukoll dawk li għandhom f'idejhom il-mezzi tax-xandir, mill-gazzetti sat-televiżjoni. Il-letteratura Maltija hija dik li juruna (anki meta jinjorawha) huma.

2. Għaliex awtur għandu jħossu żarmat jew impotenti quddiem sitwazzjonijiet ta' kontroll? Kif għandu jirreagixxi?

Bosta kittieba, speċjalment dawk li jaraw il-letteratura bħala sfida, minnha nfisha, għall-ordni letterarju u kulturali stabbilit, iħossuhom impotenti għax donnha l-libertà tal-espressjoni tagħhom qed tinbela' minn ħaddieħor li għandu ċertu poter fil-pajjiż. Imma fl-istess ħin dawn l-awturi qed jirreaġixxu b'modi kreattivi u bil-konvinzjoni li l-letteratura ma tistax ma tmurx lilhinn mis-"sewwa magħruf," mill-ħsieb dominanti, mit-timbri u r-rappreżentazzjonijiet lesti. Qed jirreaġixxu billi jkompli jiktbu u jippubblikaw ix-xogħol tagħhom. Illum għandna għadd ta' kittieba nisa verament interessanti li qed jiktbu wħud fost l-aħjar xogħlijiet. Il-kitba intelliġenti, penetranti, kultant kontestatorja tagħhom, qed tisfida b'mod kreattiv il-kultura patrijarkali tagħna. Hemm eżempji tajbin ħafna ta' awturi u letteratura ħielsa fil-ktieb *Sekwenzi ta' Tluq*.

Barra minn hekk, ir-rivoluzzjoni fl-informatika fetħet toroq wisgħin għall-kittieba u ħafna minnhom qed jużawhom biex ixerrdu xogħolhom u jinċentivaw lill-qarrejja biex jieħdu sehem fil-proċess kreattiv bħala qarrejja. Bosta awturi qed isiefru biex jieħdu sehem f'avvenimenti letterarji barra minn Malta u kontinwament iqabblu l-qagħda tagħhom f'Malta ma' dik f'bosta pajjiżi Ewropej. U jippretendu aktar minnhom infushom bħala kittieba u mill-kultura tagħhom.

3. Jidher li hemm naħa oħra tal-munita. Sondaġġ wara l-ieħor juri li l-Maltin ma jridux jaqraw. L-aħħar sondaġġ juri li l-Maltin, per eżempju, jonfqu biss 0.8% tal-baġit annwali

tagħhom fuq il-kotba, u dan jinkludi testi skolastiċi. X'taħseb dwar dan? Qed tinkiteb letteratura li tistimula l-qari?

Naħseb li qed tinkiteb aktar letteratura tajba u gruppi bħal Poeżijaplus u Inizjamed (hemm oħrajn) qed joffru spazju kulturali biex aktar nies jiltaqgħu mal-letteratura Maltija u barranija f'ambjent kreattiv. Iżda kif nispjega fil-ktejjeb tiegħi *Ħożż fl-Ilma. Il-Kotba, il-Qari u l-Baħar* (Edizzjoni Skarta, 2008), mhix qed titrawwem kultura tal-qari f'Malta: il-letteratura u l-kotba inġenerali mhumiex parti mid-"diskors" pubbliku, ma jinstabux fid-diskors tal-personalitajiet ewlenin, mill-politiċi u l-membri tal-kleru sal-ġurnalisti u l-opinjonisti li jimlew il-gazzetti tagħna. L-istazzjon nazzjonali (li suppost għandu missjoni pubblika, għall-ġid komuni) u l-mezzi tax-xandir inġenerali ma joffrux alternattiva kulturali serja għall-banalizzazzjoni u s-superfiċjalità, u għalhekk fihom mhemmx wisq post għall-qari u l-letteratura. Hemm min jiddubita minn kemm hija korretta l-istatistika li qiegħdet lil Malta fil-qiegħ nett fl-Ewropa fejn jidħol il-qari tal-kotba fil-ħin liberu, iżda jkollna nammettu li s-sinjali ta' dan il-falliment kulturali jidhru kullimkien madwarna. Il-kwistjoni ewlenija mhix jekk aħniex l-inqas li naqraw jew le, imma x'qed nagħmlu biex inrawmu kultura ta' qari, ta' esperjenza letterarja u artistika, ta' approfondiment.

- Inti tgħid li r-rwol tal-Università hu determinanti. Imma jista' jkun li r-responsabbiltà tibda minn skaluni ferm aktar 'l isfel?

Fl-iskejjel primarji u sekondarji jsir ħafna xogħol ta' promozzjoni tal-qari u l-letteratura. Imma minbarra l-problemi ta' viżibilità li diġà semmejt, hemm ukoll il-problema fundamentali tas-suspetti li jqanqlu l-kotba fis-soċjetà (essenzjalment konservattiva) tagħna, diffidenza li jirrakkontawha tajjeb Ġużè Ellul Mercer u Juan Mamo fir-rumanzi tagħhom li fihom l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi (u għalhekk bosta nies komuni) jaraw il-kotba bħala fonti ta' qerq u ħażen. M'aħniex fis-snin tletin, veru, u ma nistgħux nitkellmu bħallikieku l-affarijiet baqgħu l-istess. Imma fl-istess ħin ħafna nies, fosthom dawk li għandhom poter deċiżjonali kbir fuq x'jagħmel ħaddieħor, għadhom maħkumin mill-konvinzjoni profondament żbaljata li l-letteratura għandha rwol moralistiku, li hija għodda f'idejn il-poter iktar milli għan fih innifsu. Rumanz mhuwiex lezzjoni tal-morali. Mhuwiex ġabra ta' moraliżmi. Għandu l-morali tiegħu, imma l-funzjoni ewlenija tiegħu mhix moralistika, u l-morali tiegħu jistgħu ma jkunux bħal tal-maġġoranza jew tas-saff dominanti tas-soċjetà.

4. Ejja nitkellmu dwar "il-letteratura tal-kunflitt." Xi profil għandhom l-awturi Maltin illum biex joħolqu "kunflitti" li jinħassu soċjalment u kulturalment?

Wieħed mill-argumenti tiegħi fid-daħla tal-ktieb *Sekwenzi ta' Tluq* huwa li l-letteratura ma tistax taħrab min-natura kunflittwali tagħha, anki jekk jidher li l-kunflitt huwa *biss* "lingwistiku,"

reazzjoni għal-lingwaġġ letterarju stabbilit. Nemmen li l-idea li l-letteratura t-tajba hija dik li ma tqanqalx ilma qiegħed, ma toqrosx, ma tiddubitax hija profondament żbaljata. Min iwarrab ktieb jew storja jew poeżija għax tqanqal dubji, għax tisfida s-"sewwa magħruf," għax tikkontesta qed jagħmel ħafna ħsara lis-soċjetà u lil-letteratura.

L-awturi huma preżenti fid-diskors pubbliku fil-Gżejjer Maltin skont kemm jixtiquhom ikunu dawk li għandhom il-mezzi tax-xandir f'idejhom. Meta joħroġ rumanz tajjeb, jew ktieb tal-poeżija, jew jinħadem dramm ta' kwalità, ma jsirx "każ nazzjonali," ma jispiċċax fuq fomm kulħadd, għax hekk iridu dawk li għandhom fomm kulħadd f'idejhom. Mhux qed ngħid li mhemmx kittieba li jirrifjutaw li jieħdu sehem fil-ħajja pubblika ta' pajjiżna: qed ngħid biss li x-xogħol ewlieni tal-kittieba huwa li jiktbu tajjeb, u l-fatt li dak li jiktbu jintlaqa' b'indifferenza minn min għandu d-dmir iqiegħdu fl-arena pubblika anki jekk ikun jistħoqqlu ħafna iktar attenzjoni ma jiddependix wisq mill-kittieba nfushom.

Barra minn hekk, naħseb li qed ngħixu f'epoka li fiha s-superfiċjalità u l-banalitajiet jillimitaw ħafna l-ispazju pubbliku għal letteratura tajba. Fl-istess ħin, fis-saltna tas-superfiċjalità u l-manipulazzjoni tal-istorja, ir-rwol tal-letteratura huwa aktar determinanti minn qatt qabel.

5. Jista' jkun li l-awturi stess qed jidħlu f'kompliċità mal-istituzzjonijiet: ngħidu aħna kif se toħloq "kunflitt" ma' istituzzjoni jew aġenzija (anki para-governattiva) li qed tisponsorizza proġett letterarju?

Dawn il-problemi jinqalgħu kullimkien, u iktar u iktar f'komunitajiet ċkejknin bħal tagħna. M'għandix dubju li l-kittieba jistgħu jsiru kompliċi ta' istituzzjoni ripressiva. Wieħed mill-kriterji kruċjali nemmen li għandu jkun li meta istituzzjoni tiffinanzja proġett kreattiv m'għandhiex għalfejn tapprova l-kontenut artistiku tiegħu. Jekk Ministeru jew istituzzjoni ewlenija, bħall-Fond Malti għall-Arti, jisponsorjaw ktieb mhemmx għalfejn jaqblu mal-kontenut tal-ktieb għax inkella l-finanzjament isir paraventu għall-impożizzjoni, għall-omologazzjoni. Istituzzjoni tappoġġja proġett artistiku jew letterarju għax temmen fil-potenzjal kreattiv tiegħu, mhux għax trid taqbel bilfors mal-fehmiet u l-kontenut morali tiegħu. Inkella xxekkel jew saħansitra toħnoq dik l-istess kreattività li suppost qed tgħin u tinkoraġġixxi. Jekk ninvesti fil-kreattività u l-innovazzjoni imma rrid nikkontrollahom dak x'investiment hu? Dak sqaq li jagħlaq.

6. X'inhu eżattament, l-istat tal-letteratura llum meta mqabbel mal-kuntest Ewropew? Kemm hi relevanti u kemm hi "ingaġġata"? Jista' jkun li l-awturi ingħaqdu f'ċenaklu għal rashom?

Bħall-artisti kollha, l-awturi jridu jiffokaw fuq l-arti tagħhom. Mhumiex aġenti ta' tibdil soċjali, għalkemm jistgħu jagħżlu li jkunu hekk ukoll. Il-mistoqsija tiegħek hija diffiċli ħafna għax trid tistabbilixxi x'inhu "l-kuntest Ewropew," x'jiġifieri tkun rilevanti, x'jiġifieri tkun soċjalment impenjata, u x'jiġifieri tinqata' għal rasek… Li hu żgur hu li qajla teżisti infrastruttura letterarja f'pajjiżna: m'għandniex rivisti letterarji nazzjonali; m'għandniex biżżejjed kritiċi u nies li jiktbu r-riċensjonijiet tal-kotba bil-ħila meħtieġa; m'għandniex kultura ta' qari; m'għandniex edituri letterarji; mgħandniex għaqda li tiġbor lill-kittieba flimkien biex tiġġieled għad-drittijiet tagħhom; m'għandniex preżenza tal-letteratura fil-mezzi nazzjonali tax-xandir u wisq inqas f'dawk privati; m'għandniex tradizzjoni u strutturi stabbiliti ta' traduzzjoni letterarja professjonali; ftit li xejn issir promozzjoni tal-letteratura Maltija, meta tqabbilha ma' pajjiżi żgħar oħrajn, barra minn Malta … nista' nibqa' sejjer.

Għadni ġej minn Festival ewlieni Ewropew li jsir fis-Slovenja, pajjiż ta' żewġ miljuni. Mingħajr ma trid – u minkejja l-isforzi ta' għadd ta' nies – tibda tistaqsi ħafna mistoqsijiet fuq in-nuqqas ta' kultura u infrastruttura letterarja f'pajjiżna. U bħal xejn ma naħsbux li pajjiżi oħrajn għadhom lura ħdejna…

7. Wasalna f'sitwazzjoni fejn pubblikatur jistampa biss 50 kopja ta' ktieb. Pubblikatur ewlieni qalli li jekk m'aħniex se nagħtu kas tal-"bottom line," ftit huma l-pubblikaturi Maltin li jistgħu jkampaw. X'taħseb li hu dan il-"bottom line"?

Il-bejgħ. Il-qligħ. Il-pubblikaturi jridu jgħixu. U jridu jgħixu mill-bejgħ.

Naf li huma jitkellmu b'mod ċar u fil-miftuħ dwar l-inċentivi li jeħtieġu biex l-industrija (għax hekk hi) tal-pubblikazzjoni timxi 'l quddiem u tgħajjex lil-letteratura, lill-ħsieb kritiku u lill-kultura fil-Gżejjer Maltin. Imma inċentivi finanzjarji u kummerċjali mhumiex biżżejjed jekk il-pajjiż ma jrawwimx kultura ta' qari u kultura letterarja. Jekk l-istazzjon televiżiv nazzjonali, ngħidu aħna, joffri t-telebejgħ jew programmi bla ebda sugu minflok prodott kulturali dinamiku, ma tistax tippretendi jsiru l-mirakli fil-qari u l-pubblikazzjoni. Possibbli pajjiżna mhux kapaċi jagħmel programm "dwar il-kotba u l-ideat" bħal Fahrenheit fuq Rai Radio 3? Għaliex id-diskors pubbliku jagħti l-impressjoni li l-kotba u l-letteratura huma miftumin għal kollox mir-realtà ta' kuljum, mill-mistoqsijiet li kontinwament insaqsu meta naraw l-Aħbarijiet jew ngħaddu minn esperjenzi importanti?

---

27 ta' Settembru 2010

Verżjoni mqassra ta' din l-intervista dehret fil-paġna "Intermezz Mondjali" fil-ġurnal *In-Nazzjon* tat-2 ta' Novembru 2010